**8 ta' Frar, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Dottor Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Carmela Darmanin

*versus*

Maria Attard *et*

## Firma Falza fuq Prokura – Bejgħ mir-Raġel ta' Proprjetà Appartenenti lil Martu

*L-attriċi qed tallega u tippremetti li l-firma li hemm fil-prokura hija falza u ma ġietx magħmula minnha. Il-Qorti hi sodisfatta li l-prokura impunjata, in kwantu tirreferi għall-attriċi, ma ġietx*

*minnha ffirmata u f'dan il-kuntest l-att hu vvizzjat b'qerq li neċessarjament iwassal għan-nullità tiegħu. Nillità li tirriżulta u ġiet ippruvata b'mod konvinċenti sal-grad taċ-ċertezza morali rikjesta bil-liġi, biss fir-rigward tal-firma ta' l-attriċi, imma mhux fir-rigward ta' żewġha.*

*Una volta l-prokuratur ma kienx debitament awtorizzat biex jidher f'isem l-attriċi hu ovvju li mhux biss il-prokura hi vvizzjata bil-qerq u hi nulla u bla effett fil-liġi imma wkoll il-kuntratt li sar bis-saħħa ta' tali prokura hu similment null u bla effett fil-liġi. Żgur sal-punt fejn il-prokuratur kien qed jaġixxi f'isem l-attriċi u ttrasferixxa dak li kien proprjetà tagħha.*

*Hu paċifiku li r-raġel għandu l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti sakemm il-komunjoni tibqa' teżistu u sakemm din tiġi mneħħija lilu mill-Qorti "iżda dan ma jistax jittrasferixxi jew jipoteka l-akkwisti mingħajr il-kunsens tal-mara ħlief b'titolu oneruż...". F'dan il-kuntest legali hu premess illi l-prokura ta' żewġ l-attriċi favur missieru kienet għadha valida fil-mument meta sar il-kuntratt impunjat. Il-Qorti ma tistax issib raġuni għaliex għandha tqis it-trasferiment favur Maria Attard bħala vvizzjat u null fil-liġi.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tas-6 ta' Ottubru, 1989, li bih l-attriċi wara li ppremettiet illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone li jġib id-data tal-31 ta' Lulju, 1987, Maria Attard akkwistat il-fond bin-numru 44, Mandraġġ Street, Birgu, mingħand Joseph Darmanin bħala prokuratur t'ibnu Carmelo Darmanin u martu Carmela Darmanin u li Joseph Darmanin deher fuq l-att fuq imsemmi in forza ta' prokura li ġġib id-data ta' l-24 ta' Marzu, 1984;

U wara li ppremettiet illi l-firma li hemm fil-prokura hija falza u ma ġietx magħmula mill-atriċi, iżda minn xi pesuna oħra

li dehret minflokhom u li Joseph Darmanin qatt ma seta' jagħmel il-kuntratt ta' l-imsemmi fond;

Jgħid il-konvenut għaliex il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara falza l-firma li hemm fil-prokura fuq imsemmija f'isem Carmela Darmanin;

2. Tiddikjara nulla u bla effett il-prokura fuq imsemmija;

3. Tiddikjara null u bla effett il-kuntratt f'atti tan-Nutar Joseph Tabone li jġib id-data tal-31 ta' Lulju, 1987, jew alternattivament;

4. Li tiddikjara null u bla effett il-kuntratt fil-konfront tassehem ta' Carmelo Darmanin;

Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Maria Attard li biha eċċepiet:

1. Preliminarjament illi hija miżżewġa ma' John Attard li ma ġiex imħarrek u l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni huwa tal-komunjoni u għalhekk il-ġudizzju m'hux integru;

2. Illi *stante* l-allegazzjoni li l-prokura hija falza u dina tidher li ġiet iffirmata quddiem in-Nutar John Debono li awtentika l-firem u ċċertifika l-identità tal-firmatarji l-imsemmi Nutar John Debono għandu jissejjaħ fil-kawża għal kull interess li jista' jkollu;

3. Illi fil-mertu l-esponenti xtrat il-fond mingħand persuna akkreditata mill-esproprjetarji tal-fond *de quo* u kienet *in ottima fede* u għaliha l-bejgħ kien u għadu validu;

4. Illi bla preġudizzju għall-premessi eċċezzjonijiet anke kieku jirriżulta li l-firma fuq il-prokura kienet falza, il-vendità tista' tkun nulla għar-rigward biss tan-nofs appartenenti, l-attriċi mhux fl-intier;

5. Illi wkoll bla preġudizzju għall-premessi eċċezzjonijiet ir-raġel ta' l-attriċi bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti seta' jiddisponi mill-istess beni anke waħdu salvi r-rapporti interni bejnu u martu;

4. B'riserva għal kull azzjoni spettanti lill-esponenti u salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-digriet tagħha ta' l-14 ta' Ġunju, 1990, li bih il-Qorti kkjamat fil-kawża lil John Attard ir-raġel tal-konvenuta Maria Attard;

Rat id-digriet tas-17 ta' Jannar, 1992, li bih il-Qorti nnominat *lill-Avukat Dottor Josè Herrera u lill-Prokuratur Legali* Edgar Montanaro bħala kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti Joseph u Carmelo Darmanin, konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess kuraturi deputati li biha eċċepew illi huma m'humiex edotti mill-fatti f'dan l-istadju u jirriservaw li jipproduċu l-provi tagħhom fi stadju ulterjuri;

Rat il-verbal tat-12 ta' Mejju, 1992, li bih il-kjamat fil-kawża John Attrad ta ruħu b'notifikat bl-att taċ-ċitazzjoni u

dikjarazzjoni u ddikjara li jassoċja ruħu ma' l-eċċezzjonijiet issollevati minn martu;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tat-3 ta' Diċembru, 1992, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

L-attriċi, ġà miżżewġa u llum iddivorzjata mill-konvenut Carmelo Darmanin, qed taġixxi biex timpunja l-validità ta' kuntratt ta' vendità li sar in atti Nutar Joseph Tabone tal-31 ta' Lulju, 1987. B'dan il-kuntratt, il-konvenuta Maria Attard akkwistat il-fond numru 44, Mandraġġ Street, Birgu, fiż-żmien id-dar konjugali tal-konjugi Darmanin, mingħand l-attriċi u żewġha, il-konvenut Carmelo Darmanin. Dak iż-żmien l-attriċi u żewġha kienu emigrati u joqogħdu l-Awstralja u fuq il-kuntratt jirriżulta li **deher** missier ir-raġel, il-konvenut **Joseph Darmanin bħala prokuratur tagħhom it-tnejn;**

L-attriċi qed tallega u tippremetti **li l-firma li hemm fil-prokura hija falza u ma ġietx magħmula mill-attriċi,** iżda minn xi persuna oħra li dehret minflokha. Konsegwentement issostni li l-konvenut Joseph Darmanin qatt ma seta' jagħmel il-kuntratt tat-trasferiment tal-fond imsemmi f'isimha, in kwantu hi qatt ma nnominatu mandatarju tagħha;

L-allegat falz, hu naturalment stat ta' fatt li jrid jirriżulta mill-provi. Hu wkoll ovvju li tali prova tispetta lill-attriċi li qed

tallega l-aġir doluż ta' terz, preġudizzjevoli għad-drittijiet tagħha ta' proprjetà. Dan fuq l-iskorta tal-prinċipju li l-prova *"incubit ei qui dicit, non ei qui negat"*. Hu utili għalhekk li qabel xejn jiġi mill-Qorti ddeterminat jekk l-attriċi pprovatx il-fatti li ppremettiet għat-talbiet tagħha. Il-Qorti tagħmel is-segwenti *osservazzjonijiet*:

1. Il-fatti kif allegati mill-attriċi ma humiex verament kontrastati direttament minn min hu allegat li kkommetta l-falz, in kwantu l-konvenut żewġha u missieru li, skond l-attriċi, kellhom interess li jesegwuh u jibbenefikaw minnu, huma emigrati l-Awstralja;

2. Ma hemm ebda indizju li minn akkwista l-fond bis-saħħa tal-prokura impunjata, il-konvenuta Maria Attard u żewġha, il-kjamat fil-kawża John Attard, ma kinux *in buona fede* meta akkwistaw il-fond. Ma hemm l-ebda traċċja ta' prova illi kienu a konoxxenza tal-falsità tal-prokura jew li kienu komparteċipi fl-allegat qerq. Infatti lanqas l-attriċi stess ma hi tinsinwa dan. L-eċċezzjoni tal-konjugi Attard illi Maria Attard kienet *in ottima buona fede* għandha tiġi aċċettata. Anke jekk hu ċar li skond il-liġi, il-*buona fede* ta' waħda mill-partijiet fuq kuntratt ta' trasferiment ma tissanax in-nullità ta' l-att fil-każ fejn, bħal f'dan il-każ, waħda mill-kontraenti ma kinitx kapaċi li tikkontratta f'isem il-persuna li allegatament kienet qed tirrappreżenta;

3. Il-prokura li in forza tagħha l-konvenut Joseph Darmanin irrappreżenta *lil ibnu Carmelo u lil martu l-attriċi*, iġġib id-data ta' l-**24 ta' Marzu, 1984.** Il-kuntratt li bih l-attriċi akkwistat il-fond mibjugħ bil-kuntratt fuq imsemmi b'titolu ta' *datio in solutio,* mingħand nannitha Rosaria Cini hu ddatat **21**

**ta' Marzu, 1984.** Il-kuntratt b'din il-kawża impunjat hu ddatat **31 ta' Lulju, 1987** – aktar minn tliet snin wara li suppost saret il-prokura;

4. Jirriżulta pprovat illi meta sar il-kuntratt il-konjugi Darmanin kienu l-Awstralja. L-attriċi tikkonferma b'mod kategoriku u konsistenti illi **hi qatt ma ffirmat** il-prokura favur Joseph Darmanin, li ma kellha l-ebda raġuni għaliex tirrilaxxja prokura favur tiegħu, għaliex dak iż-żmien ma kellha l-ebda problema ma' żewġha u li qatt qabel ma kienet rat lin-Nutar li rrediġa l-prokura u li kkonferma li saret quddiemu, fl-uffiċċju tiegħu. L-attriċi in fatti tafferma illi l-ewwel darba li rat lin-Nutar kien fl-awla tal-Qorti. In-nutar min-naħa tiegħu, kif hu naturali, jistrieħ fuq il-kontenut tad-dokument, u jsostni li l-att innifsu hu prova tal-kontenut tiegħu. Ma seta' jiftakar u jagħraf lill-ebda parti fil-kawża. "Jiena ma niftakarx iċ-ċirkostanzi partikolari għal din il-prokura, però nifhem illi dak lli hemm miktub huwa korrett";

5. L-attriċi tirrileva però żewġ ċirkostanzi, li fil-fehma tal-Qorti jsaħħu l-konvinzjoni illi l-prokura hija falza almenu fejn *si tratta* ta' l-awtorizazzjoni tagħha;

*Omissis;*

Din iċ-ċirkostanza, flimkien mal-mod gorssolan li bih saret il-falsifikazzjoni tal-firma ta' l-attriċi jwasslu 'l-qorti għall-konvinzjoni morali li hu minnu dak li l-attriċi tafferma b'mod kategoriku, u ċjoè li hi qatt ma ffirmat il-prokura in kwistjoni. Dan bla ma wieħed iqis ċirkostanzi oħra li huma wkoll indikattivi tal-mod xejn attent kif, *se mai*, ġiet redatta l-iskrittura min-Nutar. Hekk per eżempju, in-nuqqas tal-kunjom ta' xbubit l-

attriċi li ġiet identifikata bħala *"daughter of Joseph and of Mary neè Zammit"*. Jirriżulta aliunde, li missier l-attriċi kunjomu "Gerada". Jingħad li ma hemm xejn fl-atti li jirrifletti negattivament fuq l-integrità tan-Nutar, però l-Qorti hi sodisfatta li l-prokura *impunjata, in kwantu tirreferi* għall-attriċi, ma ġietx minnha ffirmata u f'dan il-kuntest l-att hu vvizzjat b'qerq li neċessarjament iwassal għan-nullità tiegħu. Nullità li tirriżulta u ġiet ippruvata b'mod konvinċenti sal-grad taċ-ċertezza morali rikjesta bil-liġi, biss fir-rigward tal-firma ta' l-attriċi, imma m'hux fir-rigward ta' żewġha. Hemm dubju raġonevoli infatti, jekk il-firma *ta'* żewġha hijiex awtentika, u *tali* dubju għandu *jimmilita* **favur** il-validità ta' l-att fir-rigward tiegħu. Il-Qorti allura tqis li l-prokura għandha tiġi kkunsidrata bħala validament mogħtija mill-konvenut Carmel Darmanin lil missieru Joseph Darmanin;

Dan kollu premess il-Qorti tgħaddi biex tikkonsidra l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawża – konjugi Attard – fl-ordni minnhom mogħtija;

i. L-ewwel eċċezzjoni dwar l-integrità tal-ġudizzju in kwantu ma ġiex imħarrek John Attard ġiet issanata bil-kjamata in kawża tiegħu, kif fuq irreġistrat, u l-Qorti ma jeħtiġilhiex tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

ii. It-tieni eċċezzjoni hi fis-sens li n-Nutar li rrediġa l-prokura kellu wkoll jissejjaħ fil-kawża għal kull interess li jista' jkollu, *stante* li kienet qed tiġi attakkata l-awtentiċità tal-prokura u *konsegwentement l-operat professjonali tiegħu.* Din l-eċċezzjoni hi insostenibbli għaliex li qed jiġi mitlub f'din il-kawża hu n-nullità ta' l-att ta' bejgħ li sar in segwitu għall-prokura u ppubblikat minn Nutar ieħor. L-allegat nullità ta' l-att ta' bejgħ allura hi għan-Nutar li rrediġa l-prokura *'res inter alios acta'*,

u ma għandux interess legali fil-kawża fejn qed tintalab in-nullità tal-kuntratt. Anke jekk dan ma jfissirx illi l-eżitu ta' din il-kawża ma jistax jipprovoka azzjoni kontra tiegħu. Mhux każ allura li wieħed jissolleva n-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju minħabba li n-Nutar ma hux parti fil-kawża;

iii. Bit-tielet eċċezzjoni, il-konjugi Attard jeċċepixxu illi huma xtraw il-fond mingħand "persuna akkreditata mill-ex-proprjetarji tal-fond *de quo*. Dan issa rriżulta li ma huwiex minnu. Jeċċepixxu li "kienu *in ottima buona fede*". Dan hu konċess. Ikomplu jgħidu li "għalihom il-bejgħ kien għadu validu". Ċertament hekk huma jħossu u jsostnu. Legalment però mhux hekk il-posizzjoni. *Una volta* l-prokuratur ma kienx debitament awtorizzat biex jidher f'isem l-attriċi, hu ovvju li mhux biss il-prokura hi vvizzjata bil-qerq u hi nulla u bla effett fil-liġi, imma wkoll il-kuntratt li sar bis-saħħa ta' tali prokura hu similment null u bla effett fil-liġi. **Żgur sal-punt fejn il-prokuratur kien qed jaġixxi f'isem l-attriċi u ttrasferixxa dak li kien proprjetà tagħha;**

iv. Dan il-fatt iwassal għall-konsiderazzjoni tar-raba' eċċezzjoni li hi fis-sens illi "anke kieku jirriżulta li l-firma fuq il-prokura kienet falza, il-vendita tista' tkun nulla għar-rigward biss tan-nofs appartenenti 'l-attriċi u mhux fl-intier". Din l-eċċezzjoni hi valida biss sal-punt li tenunċja l-prinċipju illi l-prokura tibqa' valida fir-rigward biss ta' dak il-mandanti – f'dan il-każ ir-raġel – li jkun validament iffirma u taha l-approvazzjoni tiegħu;

Jiġifieri n-nullità parzjali ta' l-att f'dan il-każ ma testendix għal dik il-parti li tkun tat il-kunsens tagħha validament u f'dan ir-rigward il-prokura ma tkunx infiċjata. Hu però kweżit li

għandu jiġi deċiż jekk hux minnu "illi l-attriċi kellha biss in-nofs appartementi għaliha u mhux l-intier";

Hu utili li din ir-raba' eċċezzjoni tiġi ttrattata mal-ħames waħda, *in kwantu ż-żewġ eċċezzjonijiet isostnu l-validità tal-*kuntratt impunjat u dana peress illi qed jiġi kkontestat illi r-raġel ta' l-attriċi **bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti** seta' waħdu jiddisponi mill-proprjetà *de quo*. Sewwa li jiġi sottolinejat – għax hekk hu – illi l-attriċi fiċ-ċitazzjoni **ma hijiex in fatti timpunja l-awtentiċità tal-firma ta' żewġha fuq il-prokura.** Dan neċessarjament iwassal għall-konklużjoni illi l-prokura ta' żewġha favur missieru Joseph Darmanin għandha titqies bħala valida u li konsegwentement l-istess Joseph Darmanin in eżerċizzju tal-mandat lilu mogħti seta', f'isem ibnu, jaġixxi **anke fil-kapaċità tiegħu bħala amministratur tal-komunjoni ta' l-akkwisti,** bl-istess mod u sa l-istess grad li bihom seta' jaġixxi l-mandanti tiegħu;

Il-kawża allura tirrisolvi ruħha f'eżami jekk ir-raġel bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti jistax jiddisponi minn proprjetà, f'dan il-każ immobbli, li tkun ġiet akkwistata fiċ-ċirkostanzi fuq deskritti, mingħajr il-ħtieġa ta' l-intervent ta' martu, bla konoxxenza tagħha u addirittura kontra l-volontà tagħha. Il-fatt li żewġha kien imsiefer minn Malta meta sar il-kuntratt ta' trasferiment hu għal kollox irrilevanti għall-mertu speċjalment fil-konfront tad-drittijiet tat-terz kompratur. Il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

a. Il-kuntratt impunjat sar fil-**31 ta' Lulju, 1987**, u hu paċifiku illi f'dak iż-żmien kienet viġenti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-attriċi u żewġha. Kien diġà beda l-inkwiet bejniethom, imma ma kien għad hemm l-ebda separazzjoni legali

u wisq anqas id-divorzju li seħħ fl-20 ta' Lulju, 1990;

b. Jirriżulta mill-kuntratt illi t-trasferiment favur il-konvenuta Maria Attrad sar b'titolu oneruż ta' kompro-vendita. Jirriżulta wkoll illi l-fond ittrasferit kien ġie akkwistat mill-attriċi b'titolu ta' *datio in solutio* **waqt iż-żwieġ**, u dan **biss** f'isimha in remunerazzjoni għal serviġi minnha pprestati lil nannitha, il-venditriċi. Serviġi li jirriżulta wkoll li ġew ipprestati mill-attriċi **kemm qabel iż-żwieġ u kemm ukoll wara ż-żwieġ.** Hu ddikjarat in fatti illi dawn is-serviġi kienu jkopru perijodu twil ta' sittax-il sena, kif jirriżulta mill-kuntratt ta' akkwist innifsu. Meta sar il-kuntratt f'**Marzu, 1984,** l-attriċi in fatti kellha appena sitta u għoxrin sena;

ċ. L-artikolu 1321, sub-inċiżi (d) u (e) tal-Kodiċi Ċivili, jipprovdu li fil-komunjoni ta' l-akkwisti jidħlu wkoll:

"(d) Il-ħwejjeġ akkwistati bi flus **jew ħwejjeġ oħra** li jkunu ġejjin mill-akkwisti, għalkemm l-akkwist ta' dawn il-ħwejjeġ ikun sar fl-isem tar-raġel biss **jew tal-mara biss;**

(e) Il-ħwejjeġ akkwistati bi flus **jew ħwejjeġ oħra** li waħda mill-partijiet miżżewġin flimkien kellha **minn qabel iż-żwieġ** jew li **wara ż-żwieġ** missew lilha b'donazzjoni, wirt **jew titolu ieħor, għalkemm l-akkwist ta' dawk il-ħwejjeġ ikun sar fl-isem ta' dik il-parti**...";

Minn dan l-artikolu joħroġ ċar li għalkemm hu ppruvat li s-serviġi kienu ġew reżi biss mill-attriċi **kemm qabel u kemm wara** ż-żwieġ, *una volta* l-proprjetà ġiet akkwistata **waqt iż-żwieġ,** din tiġi tifforma parti awtomatikament mill-komunjoni ta' l-akwisti u **dana fl-intier tagħna.** Il-liġi tirriserva biss id-

dritt lil min ikun ħareġ il-flus jew ħwejjeġ oħra – f'dan il-każ is-serviġi pprestati – lil min ċjoè ikun ipprovda l-mezzi biex sar l-akkwist "il-jedd tagħha li tieħu lura, qabel xejn, is-somma li tkun ħarġet għall-akkwist ta' dawk il-ħwejjeġ". **Dan però biss meta tiġi xolta għal xi raġuni l-komunjoni ta' l-akkwisti.** Fil-każ in eżami, dan ifisser, li l-mara jkollha rilevanza kontra l-komunjoni għall-valur tas-serviġi li hi pprestat qabel iżżewġet u nofs il-valur ta' dak li pprestat **waqt iż-żwieġ,** in kwantu dawn ta' l-aħħar jitqiesu bħala "akkwist mix-xogħol jew mill-ħidma tagħha" kif ipprovdut mis-sub-inċiż (a) ta' l-istess artikolu. Jingħad ukoll illi hu paċifiku li r-raġel għandu l-amministrazzjoni ta' l-akkwisti sakemm il-komunjoni tibqa' teżisti u sakemm din tiġi mneħħija lilu mill-Qorti "iżda dan ma jistax **jittrasferixxi** jew jipoteka dawk l-akkwisti **mingħajr il-kunsens tal-mara ħlief b'titolu oneruż**.....";

F'*dan il-kuntest legali u premess* illi l-prokura ta' żewġha favur missieru kienet għadha valida fil-mument meta sar il-kuntratt impunjat, il-Qorti ma tistax issib raġuni għaliex għandha tqis it-trasferiment favur Maria Attard bħala vvizzjat u null fil-liġi. Dana fl-istat tal-liġi kif inhi llum, li l-Qorti tifhem li wasal iż-żmien li tiġi adegwatament aġġornata biex tiggarantixxi l-interessi **taż-żewġ konjugi** *f'isem l-ugwaljanza tagħhom u biex* titnaqqas il-possibbilità li jġri dak li ġara, proprju fil-każ in eżami. Ċirkostanzi li ċertament setgħu taw lok għal abbuż u abbuż serju. Il-liġi llum għadha sostanzjalment dik li kienet u l-Qorti tagħmel riferenza għall-insenjament tal-kawża "Felice Gerada *vs* Carmela Gerada, martu", deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-5 ta' Frar, 1935 (Vol. XXIX, P. II, pġ. 297);

Jingħad f'dik is-sentenza:

"... Minn żminijiet u b'interpretazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti li hija r-reġim konjugali attwali u ordinarju f'Malta, ġie ritenut illi l-akkwisti kollha, sewwa ta' mobbli sewwa ta' immobbli, li jsiru fil-permanenza taż-żwieġ sija għan-nom tar-raġel **sija għan-nom tal-mara,** huma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, **anki jekk isiru għan-nom ta' wieħed biss** ... L-akkwisti qabel il-likwidazzjoni tagħhom ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala ġid tal-mara, lanqas għall-porzjoni tagħha. Anzi fil-permanenza taż-żwieġ jiġu konfużi mal-ġid tar-raġel. ... Fil-kawża "Farrugia *nomine versus* Valentini" maqtugħa mill-Appell fl-20 ta' Ġunju, 1923, intqal: "*la comunione non è sciolta, ed è amministrata dal marito, il quale di fronte ai terzi ne dispone come di cosa propria; ciò che porta, finchè dura la comunione, alla confusione di fatto, se non di diritto, dei beni della comunione medesima con quelli suoi particolari...*". Fil-kawża "Serra *versus* Testa", maqtugħa mill-Appell fl-14 ta' Mejju, 1926, intqal (Collezione, Volum XXVI. Parti I, Paġna 493): "*Non si può eccepire contro il martio che egli sia un semplice amministratore della comunione, perchè invece ne è proprietario...*";

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta Maria Attrad u tal-kjamat in kawża John Attard, u konsegwentement tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi, in kwantu huma bbażati fuq l-unika kawżali minnha premessa. Tiċħad l-eċċezzjonijiet oħra ta' l-istess konjugi Attard u tal-konvenuti l-oħra;

L-ispejjeż tal-kawża għandhom fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa. Jibqgħu riservati favur l-attriċi kull dritt ta' azzjoni oħra lilha kompetenti favur l-attriċi kontra l-konvenuti Carmelo u Joseph Darmanin naxxenti mill-istess fatti, kemm biex jiġi

impunjat fuq kawżali differenti l-kuntratt *de quo* u kemm inkluża dik biex tirreklama mill-komunjoni ta' l-akkwisti dak li lilha jispetta skond il-liġi.